# L-Importanza tal-Floriana

## Artiklu mill-President Onorarju - Simon A. Bonello

**Bla dubju ta'xejn waħda mil-lokalitajiet importanti fil-Gżejjer Maltin hija l-Floriana u dan għal ħafna raġunijiet totalment differenti. Il-lista hija waħda ġmielha sewwa u mhux faċli ssemmi kollox. Din tifrex sewwa dwar il-pożizzjoni tagħha, in-nies tagħha, l-għaqdiet ta' diversi xorta li jinsabu fiha minkejja li l-popolazzjoni tagħha llum hija dik ta' 2,300 biss wara li xi darba kienet 8,000. U xi ngħidu għall- pjazez u t-toroq wesgħin tagħha. Ma jonqsux ukoll lukandi kbar, knejjes, monumenti u ġonna biex insemmu ftit f'din l-introduzzjoni.**

Il-Floriana jħabbtu magħha żewġ portijiet. Fuq naħa l-Port il-Kbir u fuq in-naħa l-oħra l-Port ta' Marsamxett. Ħafna vapuri kbar tat-turisti jorbtu mal-Valletta Waterfront li fil-fatt mhu Valletta xejn għax huwa teritorju uffiċjali Furjaniż. It-triq ta' mal-*waterfront* hija msemmija għall-vittmi Furjanizi li ħallew ħajjithom fl-aħħar Gwerra Dinjija. Ħafna mill-passiġġieri jispiċċaw jiġu fiċ-ċentru tal-Floriana bil-mixi jew permezz tal-karozzini. Tkun ħaġa tajba kieku t-turisti jingħatalhom tagħrif ukoll dwar il-Floriana u mhux biss dwar il-Belt Valletta.

Minn fuq il-vapuri t-turisti jkollhom l-okkażjoni jammiraw il-ġmiel tas-swar li mhux biss jagħtu għal fuq il-Port il-Kbir iżda li jiċċirkondaw it-teritorju kollu Furjaniż. Il-Floriana ta' ħafna snin ilu kont tidħol għaliha u toħroġ minnha minn numru ta' bibien fis-swar. Illum ftit li xejn baqa' minnhom u dawn trid tfittixhom biex issibhom. Bla dubju dawn is-swar imponenti jissuġġerixxu li l-Floriana hija belt avolja ma għandhiex uffiċjalment dan it-titlu.

Fost il-pjazzez u t-toroq fil-Floriana l-aktar magħrufa nsibu Pjazza San Publju aktar magħrufa bħala Il-Fosos u Triq Sant'Anna. Pjazza San Publju hija kkunsiderata bħala mhux biss l-akbar waħda f'Malta iżda wkoll waħda mill-akbar fi bliet Ewropej. Din il-pjazza rat manifistazzjonijiet kbar, reliġjużi, mużikali u politiċi. Laqgħet ġo fiha tliet żjarat minn Papiet, tnejn mill-Beatu Ġwann Pawlu II meta ibbeatifka lil Dun Ġorġ Preca, lill-Kjeriku Nazju Falzon u lill-Badessa Adeodata Pisani u mill-Papa Benedittu XVI. F'dawn l-aħħar snin Pjazza San Publju qed tara fiha kunċerti kbar mużikali li jintwerew tista' tgħid permezz tat-televiżjoni, internet jew videos ma' ħafna partijiet tad-dinja. Lejlet il-festa ta' San Publju jiġu fiha ħafna dilettanti tal-Logħob tan-Nar minn Malta kollha biex jassistu u jammiraw kampjonat organizzat mill-Kunsill Lokali. Pjazza San Publju għandha erba' binjiet importanti, l-ewwel fosthom il-Knisja Arċipretali ta' San Publju, iddedikata lill-Ewwel Qaddis Malti u l-Ewwel Isqof ta' Malta, b'dik il-faċċata mżejna b'żewġ kampnari imponenti kif ukoll b'kolonni sbieħ bejniethom. Binja oħra importanti hi dik li qabel kienet Montgomery House fejn fi tmiem l-Aħħar Gwerra Dinjija ltaqgħu l-Prim Ministru Brittaniku Winston Churchill u l-President tal-Istati Uniti Franklin Roosevelt qabel marru Yalta fir-Russja fejn iltaqgħu mad-dittatur Russu Josef Stalin. Ta' minn isemmi li f'dik il-binja Field Marshall Montgomery ippjana l-invażjoni tal-Italja, għalhekk bdiet tissejjaħ Montgomery House. Rat il-bidu tagħha bħala villeġġatura tas-Sajf tal-Gran Mastru Monoel Vilhena. Ftit huma dawk li ma semgħux bl-Istitut Kattoliku, post kbir fejn jiltaqgħu għaqdiet fost oħrajn dawk reliġjużi bħall-Azzjoni Kattolika u l-Moviment ta' Kana. L-Istitut Kattoliku għandu teatru kbir fejn isiru drammi u produzzjonijiet mużikali speċjalment fix-xhur xitwin. Illum nsibu wkoll is-sede tal-Floriana Football Club li naħseb għandha l-akbar club Malti tal-football, post li jista' jissejjaħ palazzin. Minn din is-sena fi Pjazza San Publju bdew isiru sfilata oħra tal-Karnival u kompetizzjoni taż-żfin tiegħu.

Mill-banda l-oħra, Triq Sant'Anna hawn minn jeddeskriviha bħala t-triq ewlenija ta' Malta u bir-raġun speċjalment meta tħares minn tarf tagħha għall-ieħor b'dawk il-loġoġ maestużi. Din it-triq tinħonoq bin-nies minn Malta kollha meta ssir l-isfilata fl-aħħar jum tal-Karneval. Illum qed ikollna manifestazzjoni oħra li għaliha jattendu ħafna nies mhux biss Furjanizi biex jiċċelebraw it-tmiem ta' sena u bidu ta' sena ġdida. Hija okkażjoni organizzata tajjeb ħafna mill-Kunsill Lokali.

Il-Floriana hija belt amministrattiva kemm minnaħa ċivili kif ukoll minn dik ekklesjastika. Fiha nsibu numru ta' dipartimenti Governattivi fosthom il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, it-Teżor, Taxxi Nterni u wkoll id-Dwana tan-naħa tal-*Waterfront*. Ma' dawn tiżdied l-Awtorita` tad-Djar. Min-naħa ekklesjastika l-Floriana tilqa' l-Kurja Dijoċesana fejn għandu


Soċjeta` Filarmonika Vilhena 14, Triq Sant' Anna Floriana FRN9013
info@vilhenabc.com

l-uffiċċju l-Arċisqof ta' Malta, il-Kunvent tal-Kapuċċini fejn għandu s-sede tiegħu l-Provinċjal ta' din l-ordni. Diversi għaqdiet issibhom f'din il-belt bħall-Caritas li qed tagħmel tant ġid f'pajjiżna f'diversi għoqsma, il-Boys Scouts u anke l-Girl Guides għandhom uffiċċju.

Il-Floriana tispikka wkoll bil-kwantita' kbira ta' monumenti li huma mxerrdin tista' tgħid f'kull parti tagħha. Il-parti l-kbira tagħhom huma fuq skala nazzjonali. Fil-fehma tiegħi l-aktar li jispikka huwa dak ta' Kristu Re, faċċata tal-Hotel Phoenicia, xogħol tal-iskultur Malti, Sciortino. Dan il-monument tant sabiħ sar biex ifakkar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913 li l-qofol tiegħu sar propju fil-Floriana. Quddiemu hemm il-monument li jfakkar il-kisba għal Malta tal-Indipendenza. Naturalment ma jonqosx il-monument tal-Gran Mastru Vilhena, il-fundatur tal-Floriana fi Pjazza Papa Giovanni XXIII.

Madankollu, l-aktar monument li jiġbed nies lejh f'ġurnata partikularti, Jum il-Peprin (*Poppy Day*) huwa dak tat-Tifkira tal-Gwerra magħruf aktar bħala il-*War Memorial*, fejn tintemm u wkoll tibda Triq Sant'Anna. F'Jum il-Peprin jiġu ħdejn dan il-monument prominenti għat-tqegħid ta' fjuri mhux biss Maltin iżda kwantita' kbira ta' turisti mill-Gran Brittanja li ħafna minnhom servew fil-forzi armati.

Il-Gran Mastru Vilhena kien iħobb isejjaħ lill-Floriana, 'Citta` Giardino'. U hekk saret bil-kwantita` ta' ġonna li jinstabu fiha. Fil-fehma tiegħi l-aktar li jispikkaw huma l-ġonna Argotti għas-sezzjoni botanika tagħhom magħrufa wkoll barra minn xtutna ma' dawk li għandhom għal qalbhom ix-xjenza botanika. Mill-parti pubblika tagħha wieħed jista' jgawdi veduta sabiħa. Madankollu l-aktar ġnien magħruf huwa Il-Mall li minn ma ġenbu jgħaddu kwantita` kbira ta' karrozzi tal-linja. Dan il-ġnien kien sar minn Gran Mastru bħala post fejn il-kavallieri kienu jgħaddu ż-żmien jilagħbu l-logħba msemmija Palla a Maglio biex jitbiegħdu minn ċerti vizzji dejjem skont l-istess Gran Mastru. Il-Mall għandu kollezzjoni kbira ta' monumenti ta' diversi personalitajiet.

Tkompli żżid fl-importanza tagħha din il-belt permezz ta' tliet ambaxxati, dik Taljana, Belġjana u Torka. Sa ftit ilu fl-istess Triq Sant'Anna kien hemm ukoll l-ambaxxata tal-Istati Uniti u mhux ħafna snin ilu anke l-High Commission tal-Gran Brittanja.

Ma jistax jonqos li l-Floriana ma jkollhiex lukandi kbar bħall-Hotel Phoenicia u l-Grand Hotel Excelsior, it-tnejn ta' ħames stilel. F'dawn isiru diversi laqgħat internazzjonali li permezz tagħhom il-ħafna li jattenduhom isiru jafu bil-Floriana u s-sbuħija tagħha. Il-Floriana tospita wkoll l-Isptar Boffa li qabel kien il-King George V Hospital li kien riżervat għal snin twal għall-membri tas-sevizzi Brittaniċi. Huwa forma ta' lukanda mhux ta' pjaċir iżda ta' post dedikat għall-fejqan ta' ċertu mard.

Fil-Floriana nsibu numru kbir ta' uffiċini ta' kumpaniji tista' tgħid ta' kull xorta fosthom it-Tug Malta u l-aġenziji tal-vapuri H. Mifsud, Kirton u Allships. Mhux ta' b'xejn huwa ikkalkolat li fil-Floriana jaħdmu mal-4,000 ruħ.

Il-Floriana issa qed tipparteċipa ġmielha fil-Karnival Nazzjonali. Din s-sena barra l-isfilata aħħarija fi Triq Sant'Anna, ġa msemmija aktar 'l fuq, bdiet issir sfilata oħra iżda fi Pjazza San Publju (Il-Fosos) kif ukoll f'dan il-post saret il-kompetizzjoni taż-żfin. Bla dubju l-Karnival qed jiġbed elufi ta' nies lejn il-Floriana, ħafna aktar minn qabel, minn kull parti ta' Malta.

Naturalment hemm ħafna aktar x'wieħed jgħid, jikteb u jara dwar il-Floriana. Diffiċli ddur dawra ma` kollox għax kieku trid tikteb ktieb u mhux sempiċi artiklu bħal dan. **Madankollu kollox isaħħaħ l-Importanza tal-Floriana.**